**Kapitlu 3** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

## Lezzjoni 3.13: Aħna aħwa ta' xulxin.

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jagħrfu li biex iħobbu jridu jaħdmu għall-għaqda.
2. Jifhmu, permezz ta' eżempji konkreti, kif din l-għaqda u l-ħbiberija tista' sseħħ.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Iċ-'chart' li t-tfal ikunu għamlu fil-lezzjoni ta' qabel.
- PPT Presentation.
- stampi kbar.



**Naqsmu flimkien:**

- Ibda l-lezzjoni billi tirreferi għaċ-'chart' li saret fil-klassi flimkien mat-tfal matul il-lezzjoni ta' qabel.
- Iddiskuti l-messaġġ li fiha u ħeġġeġ lit-tfal jispjegaw kif aħna nkunu aħwa ta' xulxin.
- B'hekk minbarra li tkun qed tintroduċi l-lezzjoni tal-ġurnata, fl-istess waqt tkun qed tiċċekkja kemm it-tfal fehmu s-suġġett (li aħna aħwa ta' xulxin) matul il-lezzjonijiet ta' qabel.



**Nisimgħu flimkien:**

- Aqsam lit-tfal fi gruppi ta' 3 jew 4 skont in-numru tat-tfal fil-klassi.
- Agħti stampa lil kull grupp u spjega x'inhu mistenni minnhom.
- It-tfal mistennija josservaw l-istampa li jingħataw u jippreparaw mima sempliċi u qasira dwarha.
- Dan mistenni jsir bl-għajnuna tal-għalliema u xi adulti oħra preżenti fil-klassi.

- Ladarba t-tfal jingħataw madwar 10 minuti biex jipprattikaw il-mima (N.B. jekk it-tfal juru x-xewqa li jitkellmu waqt il-mima, huma għandhom jingħataw l-opportunità li minflok mima jagħmlu reċta spontanja); stieden lit-tfal kollha biex isibu posthom.
- Sejjaħ l-ewwel grupp ta' tfal sabiex jibdew il-mima tagħhom.

Fakkar li:



1. Juru li huma aħwa billi:

- Jgħinu lil xulxin.
- Jilagħbu flimkien.
- Jaqsmu li għandhom ma' xulxin.
- Jaħarbu l-ġlied.
- Jisimgħu lil xulxin.

**Nikbru flimkien:**

- Stieden lill-kumplament tat-tfal fil-klassi sabiex jispjegaw ix-xena li jkunu għadhom kemm raw u flimkien jiddeċiedu jekk l-imġieba tat-tfal li qed jirreċtaw turix li bejniethom it-tfal qed iġibu ruħhom bħal aħwa jew le.
- F'każ li le, ħeġġeġ lit-tfal sabiex jaħsbu mod differenti ta' kif jistgħu jinfurzaw l-għaqda u l-ħbiberija bejniethom, u b'hekk iġibu ruħhom bħal aħwa mingħajr il-bżonn ta' rigali materjali.

**Nagħżlu flimkien:**

- Bħala għeluq tal-lezzjoni t-tfal mistennija jingħataw taħriġ li ma jinvolvix kitba iżda ħsieb u azzjoni.
- Stieden lit-tfal sabiex matul il-ġranet li jmiss mhux biss jaħsbu dwar kemm hu importanti li jgħixu flimkien bħala aħwa iżda wkoll li jġibu ruħhom ta' aħwa ma' xulxin.
- Ħeġġeġ lit-tfal sabiex jinnutaw u jfaħħru lil xulxin kull darba li jagħmlu azzjoni tajba ma' xulxin (jgħinu, jilagħbu u jħobbu lil xulxin).
- ***Nirrispettaw lil xulxin meta nghinu mill-qalb.***

